MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 1527/1998/1

**Laferla Insurance Agency Limited u din in rapprezentanza ta' Andrew Wallace f'ismu propju u ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta estera asskikuratrici Crowe Motor Policies at Lloyds, kif din tinsab issurrogata fid-drittijet tas-socjeta assikurata taghha United Garage Limited, sia bil-polza u sia bil-ligi**

**vs**

**Gina D'Anastasi**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici nomine ppremettiet:-

Illi s-socjeta attrici nomine kienet tassikura l-vettura Opel, numru ta' registrazzjoni B-2798, propjeta' tas-socjeta assikurata taghha, United Garage Limited, taht polza "comprehensive";

Illi fil-1 ta' Gunju 1997 gewwa Reginal Road, St Julians, l-konvenuta Gina D'Anastasi , waqt li kienet qeghda isuq il-vettura Maruti, numru ta' registrazzjoni LAK 928, bi traskuragni imprudenza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-trafffiku, habtet fil-vettura B-2798, misjuqa minn Christopher Borg u kkagunat danni ngenti fl-imsemmija vettura B- 2798;

In vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija s-socjeta attrici ghamlet tajjeb ghal porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmija socjeta United Garage Limited skond l-istess polza u in konsegwenza ta' tali pagament is-socjeta attrici giet issurrogata fid-drittijiet tas-socjeta assikurata taghha skond l-istess polza ta' assikurazzjoni;

Illi s-somma hekk sborzata mis-socjeta attrici kienet tammonta ghal elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22);

Illi interpellata tersaq ghall-hlas tad-danni hekk minna kkawzati, l-konvenuta baqat inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici nomine talbet li l-konvenuta tghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-1 ta' Gunju 1997, fuq imsemmija u ghad-danni kolla konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici;

tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta attrici fis-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin

centezmu (Lm1291.22) jew somma verjuri illi tigi likwidata prevja okkorrendo bl-opera ta' periti u esperti nominandi;

tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici, in linea ta' danni, l-imsemmija somma ta'elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22) jew somma verjuri illi tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta, ngunta ghas-subizzjoni;

Bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-att sad-data tal-pagament effettiv;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lists tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn gie ecceoit illi it-talbiet attrici huma manifestament infondati fil-fatt u fil-ligi in kwantu illi ghall-kollizzjoni in kwistjoni kien jahti unikament l-assikurat tas-socjeta attrici u cioe Christopher Borg;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat l-affidavits presentati mill-atturi u semghet ix-xhieda prodotti mill-istess atturi;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici nomine tippremetti li kienet tassikura l-vettura Opel, numru ta' registrazzjoni B-2798, liema

vettura kienet ta' propjeta' tas-socjeta assikurata taghha, United Garage Limited, taht polza "comprehensive". Tippremetti ukoll li fl-1 ta' Gunju 1997 sehh incident stradali gewwa Reginal Road, St Julians, fejn il-konvenuta, waqt li kienet qeghda isuq il-vettura Maruti, numru ta' registrazzjoni LAK 928, habtet fl-imsemmija vettura B-2798, li kienet qed tigi misjuqa minn certu Christopher Borg. L-istess vettura B- 2798 bhala onsegwenza sofriet danni konsiderevoli. Tippremetti ukoll li a bazi tal-imsemmija polza ta' assikurazzjoni hi ghamlet tajjeb ghal porzjoni sostanzjali ta' dawn id-danni sofferti mill-asikurati taghha u konsegwentement l-istess socjeta attrici nomine giet issurrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha. Is-somma li hallset is-socjeta attrici nomine kienet tammonta ghal elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22). Is-socjeta attrici nomine tippretendi li l-incident in kwestjoni sehh tort tal-konvenuta u ghalhekk is-socjeta attrici nomine qed titlob li l-konvenuta tigi dikjarata unikament responsabbli ghall-kollizjoni in kwestjoni u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici nomine u li dawn id-danni jigu likwidati fl-imsemmija somma jew somma verjuri u li l-konvenuta tigi kundannata thallas is-saomma hekk likwidata;

Il-konvenuta teccepixxi li ghall-kollizzjoni in kwistjoni kien jahti unikament l-assikurat tas-socjeta attrici u cioe Christopher Borg;

Jirrizulta li fl-1 ta' Gunju 1997 sehh incident stradali gewwa Reginal Road, St Julians. Involuti f'dan l-incident kien hemm il-vettura Opel B-2798 assikurata mas-socjeta attrici nomine li kienet qed tigi misjuqa minn certu Christopher Borg u l-konvenuta li kienet qed issuq il-vettura Maruti, numru ta' registrazzjoni LAK-928, L-imsemmija vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine kienet proprjeta tas-socjeta United Garage Limited. Jirrizulta ukoll li a bazi tal-polz tal-assikurazzjoni relattiva s-socjeta attrici nomine hallset lill-assikurati taghha s-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22) u dana ghad-danni

sofferti fl-imsemmija vettura bhala konsegwenza tal-incident in kwestjoni.

Is-sewwieq tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici nomine, cioe Christopher Borg, fl-affidavit tieghu kkonferma li huwa kien qed isuq l-imsemmija vettura gewwa Regional Road, San Giljan sejjer fid-direzzjoni tal-Imsida. Huwa jghid li kien qed isuq b'velocita' ragionevoli u kien ghaddej fil-lane ta' barra. Huwa kien riesaq lejn il-mina ta' San Gwann. Quddiemu kien hemm il-vettura l-ohra involuta fl-incident in kwestjoni misjuqa mill-konvenuta sejra fl-istess direzzjoni u din kienet fil-lane ta' gewwa;

L-istess Christopher Borg ikkonferma li xeghel id-dawl peress li kien dahal fil-mina. L-imsemmija karozza l-ohra ukoll dahlet fl-istess mina. F'daqqa wahda l-konvenuta li kienet ftit iktar il-quddiem minnu daret mill-lane ta' gewwa ghal-lane ta' barra minghajr ebda preavviz. Huwa jghid li l-konvenuta qisa tilfet il-kontroll tal-istess vettura. Minhabba l-imsemmija manuvra l-vettura misjuqa mill-konvenuta baqghet dielhla fil-genb tal-karozza tieghu. Huwa pprova jwaqqaf il-vettura li kien qieghed isuq u gibed ghal fuq il-lemin tieghu fejn hemm bankina. Minhabba f'hekk huwa baqa diehel fil-hajt tal-mina, filwaqt li l-karozza misjuqa mill-konvenuta baqghet titkaxbar mal-karozza tieghu u finalment instabtet mal-hajt tal-lemin tal-mina. Huwa jghid ukoll li wara l-habta l-konvenuta qaltlu li kien tort taghha u kien jiddispjaciha;

L-imsemmi Christopher Borg kellu mieghu fil-karozza lill martu u lill ibnu. Martu sostanzjalment ikkorraborat dak kollu li qal l-istess Christopher Borg;

Il-konvenuta naqset li tixhed u naqset ukoll li tipproduci provi in sostenn ta' dak li gie minna sottomess fin-nota tal-eccezzjonijiet u dana nonostante li nghatat kull opportunita' biex tghamel dan;

Ghal kull buon fini ghandu jinghad ukoll li jidher li l-konvenuta ma kellhiex licenzja, u ghalhekk ma kinitx koperta minn polza ta' assikurazzjoni. Jidher li dwar dan ittiehdu l-proceduri relattivi quddiem il-qorti kompetenti;

Mill-kumpless tal-provi prodotti, fosthom l-iskizz ippreparat mis-Surgent tal-Pulizija li mar jinvestiga l-kollizzjon, u in vista tal-premess, jirrizulta sufficjentement pruvat li l-incident in kwestjoni sehh tort unikament tal-konvenuta billi jirrizulta li l-istess konvenuta minnghajr ebda preavviz marret minn fuq lane ghall-ohra. Jirrizulta ukoll li l-konvenuta ghamlet din il-manuvra minnghajr ma spezzjonat sewwa t-traffiku li seta kien gej fil-lane li fiha kienet diehla u li meta ghamlet din il-manuvra hija qasmet “a continious white line.” Ma tirrizulta ebda responsabilita’ minn naha tas-sewwieq tal-vettura assikurata mal-atturi nomine;

Jirrizulta sufficjentement pruvat ukoll li s-socjeta attrici nomine indennizzat lill-assikurati taghha ghad-danni sofferti fil-vettura in kwestjoni u dana billi hallset l-ammont indikat fic-citazzjoni u cioe’ s-somma ta’ elf mitejn u wiehed u disghin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22). Ghalhekk id-danni in kwestjoni qed jigu likwidati fl-imsemmija somma;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-1 ta’ Gunju 1997, indikata fic-citazzjoni u

ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta attrici, tillikwida dawn id-danni fis-somma ta' elf, mitejn u wiehed u disghin lira maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm1291.22) u konsegwentement tikkundanna l-konvenuta thallas l-istess somma ta' Lm1291.22 lis-socjeta attrici nomine in linea ta' danni u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament;

Spejjez kollha kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------